**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 146**
**It-Tlieta, 11 ta' Lulju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9846. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9847. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI – IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9848. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9849. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - IMPJEGATI FIS-SERVIZZI PUBBLIKU**

**9850. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI FIS-SERVIZZI PUBBLIKU**

**9851. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 146
11/07/2023

**ART MIBNIJA U ART MHUX MIBNIJA - KILOMETRI KWADRI**

**10281. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10116 u 9779 u jgħid kemm hemm kilometri kwadri ta' art mibnija f'Malta u kemm hemm kilometri kwadri ta' art mhix mibnija minbarra toroq f'Malta?

19/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli nterpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJA TAX-XOGĦOL**

**10368. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 10169 u 10171, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ghada qed tinġabar jew tingħata f'xi seduta oħra

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10369. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10169 u 10170, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10370. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169, jista' l-Prim Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XEMXIJA - ŻONA TAL-EX MISTRA VILLAGE - XOGĦLIJIET**

**10371. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10168 u jgħid għaliex iż-żona tal-eks Mistra Village fix-Xemxija għadha għaddejja minn xogħlijiet ta' żvilupp anke wara li trid tiġi riveduta mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT)? Jista' jispjega x'inhi l-proċedura ta' każijiet bħal dawn u jekk hux se jinbidlu l-policies jew isiru policies ġodda fejn permessi li huma taħt appell iridu jwaqqfu x-xogħlijiet?

21/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli nterpellant li, ġejt infurmat li, fuq is-sit tal-Eks Mistra Village fix-Xemxija hemm permess ta' żvilupp maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Diskussjonijiet biex ikunu aġġornati l-policies li jagħmel referenza għalihom jinsabu għaddejin.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XEMXIJA - ŻONA TAL-EX MISTRA VILLAGE - TWAQQIGĦ U TQATTIGĦ TA' TRINEK**

**10372. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10167 u jgħid għaliex iż-żona tal-eks Mistra Village x-Xemxija fejn għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet kienet eskluża mil-lokalitajiet turistiċi? Għalfejn din l-area Triq Raddett ir-Roti ma wasslitx sa tarf bħal kull triq oħra fil-lista, fejn mhux permess li jsir twaqqigħ u qtugħ ta' trinek wara l-15 ta' Ġunju?

21/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli nterpellant jindirizza di il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 146
11/07/2023

**SPTAR ĠDID GĦAS-SAĦĦA MENTALI - PJANIJIET**

**10649. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslu l-pjanijiet biex jinfetaħ sptar ġdid għas-saħħa mentali ħdejn l-Isptar Mater Dei? Meta huwa maħsub li dan jinbeda u jinfetaħ għall-pazjenti?

30/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa qed isir id-diżinn iddettaljat tal-proġett, li fuqu jkunu ibbażati id-dokumenti li jkunu meħtieġa mill-Awtorita tal-Ippjanar biex jinħarġu l-permessi neċessarji.

Seduta 146
11/07/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL - PJANIJIET**

**10650. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjan hemm għall-Isptar Mount Carmel wara li jinbena l-isptar il-ġdid għas-saħħa mentali?

30/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-pjan huwa illi wara li jinbena l-isptar il-ġdid, l-isptar Monte Karmeli jibqa jservi bħala faċilita għall-pazjenti li għandhom bżonn perjodu fit-tul ta' riabilitazzjoni jew ghandhom mard mentali kroniku.

Seduta 146
11/07/2023

**REVIEW BOARD TAT-TFAL - LAQGĦAT**

**10656. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kif isiru l-laqgħat tar-Review Board (tat-tfal) jekk hux online jew fiżikament (in person)? Jekk jiltaqa' online, x'inhi r-raġuni?

30/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-bord jiltaqa' kemm b'mod fiżiku kif ukoll online. Ninsab infurmat li meta jinstemgħu t-tfal, is-seduti jsiru fiċ-Children's House kif titlob il-liġi.

Id-deċiżjoni li l-laqgħat tal-Bord isiru online ittieħdet matul il-pandemija tal-Covid-19. Ninsab infurmat li fil-fatt dan wassal sabiex matul il-pandemija ix-xogħol qatt ma waqaf minħabba li din is-sistema instabet li hija effiċjenti u li ntlaqgħet tajjeb mill-partijiet.

Kien għalhekk li din is-sistema baqgħet titħaddem sabiex tinżamm l-effiċjenza. Ninsab infurmat ukoll li l-każijiet jinstemgħu fil-ħin preċiż u tkun ukoll iffaċilita l-proċedura, fis-sens, illi l-Bord jisma' lil-kulħadd b'mod puntwali u korrett.

L-effiċjenza hi fl-aħjar interess tal-minuri.

Seduta 146
11/07/2023

**MCAST – KORS FIS-SOCIAL WORK**

**10657. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu l-pjanijiet biex jingħata kors fis-social work mill-MCAST?

30/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet neċessarji mal-istakeholders konċernati.

Seduta 146
11/07/2023

**MCAST – KORS FIS-SOCIAL WORK**

**10658. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kors fis-social work li huwa ppjanat li jingħata mill-MCAST hux se jkun ta' livell ta' diploma jew Livell 5 tal-Malta Qualifications Framework (MQF), jew inqas, jew iktar?

30/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kors li qed jiġi ppjanat mill-MCAST se jkun ta' livell 6.

Seduta 146
11/07/2023

**AUM – STUDENTI**

**10659. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti reġistrati u li qed jattendu l-Università Amerikana ta' Malta (AUM) bħalissa?

30/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpelanta li qed tistaqsini dwar entita’ privata.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – KONSULENTI LEGALI**

**10718. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista’ jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar u ser tingħata f’xi seduta oħra

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – MEMBRI TA’ BORDIJIET U ENTITAJIET**

**10719. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KONSULENTI LEGALI**

**10720. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: sta' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista’ jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**10721. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – KONSULENTI LEGALI**

**10722. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-individwi/kumpaniji li jagħtu konsulenza legali lill-entitajiet fi ħdan il-Ministeru

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – – MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**10723. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 146
11/07/2023

**XOGĦOL TA' BACK OFFICE F'GĦAWDEX**

**10752. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħol ta' back office taċ-Ċivil ġdid inġab f'Għawdex matul l-aħħar 12-il xahar? Kemm hemm ħaddiema jaħdmu f'dan ix-xogħol ġdid ta' back office f'Għawdex u minn fejn qed joperaw? Kemm minn dawn il-ħaddiema kienu jaħdmu f'Malta sa meta nġab dan ix-xogħol f'Għawdex u issa, per konsegwenza ta' dan ix-xogħol, bdew jaħdmu f'Għawdex? X'inhu l-grad ta' dawn il-ħaddiema? Minn fejn qed isir dan ix-xogħol ta' back office ġdid f'Għawdex?

03/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qed ikompli bil-ħidma biex iħeġġeġ u jgħin Ministeri u Entitajiet jespandu l-operat eżistenti tagħhom jew jintroduċu servizzi ġodda li jingħataw minn Għawdex kemm fil-Back Office kif ukoll fil-Front Office. Wara s-suċċess li kellna bil-ftuħ tal-uffiċċji tal-MCCAA, MFSA, is-CPSU, id-Dipartiment tad-Dwana u d-Dental Teaching Clinic, bħalissa għaddejja ħidma biex l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet jingħataw uffiċċji akbar u

jkunu jistgħu jkabbru l-operat tagħhom f'Għawdex. Dan kollu qed isir biex jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol ta' kwalità f'Għawdex.

Seduta 146
11/07/2023

**QALA GĦAWDEX – TRIQ IŻ-ŻEWWIEQA - BELVEDER**

**10753. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13551 tat-13-il Leġiżlatura, li ngħatat fl-20 ta' April 2020, rigwardTriq iż-Żewwieqa fil-Qala Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb "il-Ministeru għal Għawdex qed jevalwa jistax isir Belvedere fuq art pubblika li tista' tintuża għal dan l-iskop" u li "matul din it-triq se jitħawlu ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli fil-ġimgħat li ġejjin kif ukoll ser jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ", jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex evalwat jekk jistax isir Belvedere fuq art pubblika u jekk iva x' kien l-eżitu? Jista jgħid ukoll jekk tħawlux ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli u jekk ġewx restawrati il-ħitan tas-sejjieħ f'din l-imsemmija triq?

03/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex irrestawra diversi ħitan tas-sejjieħ fi Triq iż-Żewwieqa. Rigward l-art pubblika, idderiġejt lid-dipartiment sabiex tiġi identifikata liema hi art tal-Gvern u liema hi tal-privat.

Seduta 146
11/07/2023

**GĦAWDEX – BINI TA' FIRE STATION GĦAD-DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI**

**10779. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din il-Leġiżlatura hemmx ħsieb li jinstab post ġdid u tinbena fire station għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ġewwa Għawdex, sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet u bżonnijiet preżenti u futuri tal-gżira Għawdxija?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivilli huwa wieħed proattiv u dejjem iħares li l-imkejjen kollha tal-pajjiż ikunu milħuqa bl-aħjar mod.
F'Għawdex, apparti l-istazzjon tat-tifi tan-nar preżenti, qed jintuża wkoll sit ieħor biswit il-pitkalija b'mod temporanju. Deċiżjonijiet dwar it-tieni stazzjon b'mod permanenti jittieħdu abażi ta' studji u skont in-neċessitajiet.

Seduta 146
11/07/2023

**GĦAWDEX – XEWKIJA – TRIQ IL-PITKALIJA**

**10780. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-raġunijiet li Triq il-Pitkalija, fix-Xewkija Għawdex, ilha għal aktar minn sentejn u nofs b'kisja waħda ta' asfalt? Meta hi ppjanata li tingħata l-aħħar kisja ta' asfalt lil din it-triq u b'hekk tkun lesta minn kollox?

03/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt lid-dipartiment ikkonċernat sabiex tali kisja tingħata.

Seduta 146

11/07/2023

**GĦAWDEX – PORT TAL-IMĠARR – RILOKAZZJONI GĦALL-MEMBRI TAL-AFM**

**10781. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7812 li ngħatat fil-25 ta' April 2022 dwar fiex waslet ir-rilokazzjoni, u meta se sseħħ, għal post aħjar li minnu joperaw is-suldati tal-komponent marittimu u tal-EOD fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta (AFM) fil-Port tal-Imġarr, Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb li "possibbilment identifikat post alternattiv ta' rilokazzjoni. Dan l-aħħar ġiet stabbilita ta' min hija l-art u issa se jibda proċess ta' diskussjoni bejn id-dipartimenti konċernat", jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra site plan tal-post alternattiv ta' rilokazzjoni li ġie identifikat? Jista' wkoll jaġġorna lill-Kamra dwar l-aħħar żviluppi u xi jmiss issa u meta hu maħsub, xahar u sena, li ssir ir-rilokazzjoni?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fil-jiem li ġejjin hemm meeting skedat ma' Transport Malta għal aktar diskussjonijiet

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – INTERVENTION UNIT - ĦADDIEMA**

**10782. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7704 kollha kemm hi (intera) u jgħid x'inhu l-grad ta' kull ħaddiem fl-Intervention Unit fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex?

03/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-gradi tal-ħaddiema fi ħdan l-Intervention Unit ivarjaw minn Chief Scientific Officer sa Motor Transport Driver III, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

| Numru ta' Ħaddiema | Grad |
|---|---|
| 1 | Chief Scientific Officer |
| 1 | Senior Principal |
| 1 | Senior Economics Officer |
| 1 | Scientific Officer |
| 2 | Senior Foreman |
| 1 | Assistant Foreman |
| 1 | Senior Tradesman |
| 5 | Supervisor |
| 2 | Tradesman |
| 1 | Motor Transport Driver III |

Seduta 146
11/07/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA – ĦLAS GĦAL BOLLARDS FI TRIQ IL-KBIRA FIL-MOSTA**

**10792. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża li ħallset Infrastructure Malta għall-bollards tal-irħam li tqiegħdu fil-Mosta f'partijiet differenti ta' Triq il-Kbira?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 146
11/07/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA – ĦLAS GĦAL IRĦAM FIL-PJAZZA TAL-MOSTA**

**10793. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-ispiża li se tħallas Infrastructure Malta għall-irħam li se jitqiegħed fil-parti pedonali tal-proġett fil-pjazza tal-Mosta? Jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proġett hux qed isir bejn Infrastructure Malta u l-Kunsill Lokali tal-Mosta?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tiffinanzja biss xogħolijiet infrastrutturali sa wicc it-triq.

Seduta 146
11/07/2023

**MOSTA – XOGĦOL – NEFQA**

**10794. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10062, jista' l-Ministru jgħid kemm hu stmat li ġej jiswa x-xogħol li qed isir fil-Pjazza tal-Mosta u fi Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq il-Bażilika u Triq il-Kbira?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq il-Kbira diġà tlestew. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu sistema ġdida tal-ilma tax-xita, sistema ġdida ta' drenaġġ u konnessjonijiet ġodda tad-drenaġġ ta' kull residenza fit-triq, dual potable mainsu konnessjonijiet tad-djar ġodda, kejbils ġodda tat-telekomunikazzjoni, kejbils tal-elettriku ġodda tal-Enemalta, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, inklużi l-mogħdijiet tal-hard stonefin-naħa t'isfel tat-triq, it-tisħiħ tas-sotto-bażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa kif ukoll aġġornament tal-infrastruttura l-antika u bil-ħsarat, li kienu eżistenti taħt it-triq minn entitajiet oħra. Il-kont finali għal dawn ix-xogħlijiet kollha ngabar flimkien mal-entitajiet l-oħra u li l-ispiża totali ta' dawn ix-xogħlijiet ġiet ta' madwar 1.95 Miljun ewro.
Fir-rigward tar-rikostruzzjoni tal-Pjazza u parti minn Triq il-Kostituzzjoni, Infrastructure Malta, qed timplimenta l-bini mill-ġdid ta' din it-triq. Bħal Triq il-Kbira, il-pjazza u parti minn Triq il-Kostituzzjoni għaddejjin minn titjib ġenerali tas-servizzi kollha ta' taħt l-art u flimkien mal-entitajiet ikkonċernati, il-kuntrattur qed jimplimenta xogħlijiet li jinkludu sistema ġdida tal-ilma tax-xita biex tiġbor it-tnixxija tal-wiċċ tal-maltemp, konnessjonijiet ġodda tad-drenaġġ, mains u konnessjonijiet tad-djar ġodda għal ilma potabbli, servizzi ġodda ta' telekomunikazzjoni taħt l-art, cables tal-elettriku ġodda biex tissaħħaħ l-infrastruttura eżistenti tal-Enemalta u sistemi ġodda tat-traffic lights għal qsim aħjar fost ħafna xogħlijiet oħra. Ta' min jinnota wkoll li Infrastructure Malta qed isaħħaħ il-pedamenti tat-triq bi tħejjija għall-implimentazzjoni tal-pavimentar, maħsub għall-pjazza, li għandu jiġi implimentat flimkien ma' Ministeri u entitajiet oħra, wara talba ta' xogħlijiet ta' tisbiħ tal pjazza b'art ta' pavimentar, imressqa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta. Fid-dawl li x-xogħlijiet fi ħdan il-pjazza u parti minn Triq il-Kostituzzjoni għadhom għaddejjin u jinvolvu ħafna entitajiet u Ministeri, ma tistax tingħata spiża totali finali tax-xogħlijiet f'dan l-istadju.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – VEJIKOLI**

**10795. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm heavy vehicles, lifters u vannijiet u vejikoli tal-agrikoltura, fid-dekasteru tiegħu u meta saret l-aħħar spezzjoni biex jaraw humiex tajbin għat-triq?

03/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**GĦOTI TA' FONDI**

**10796. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10076, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, u jgħid kemm ingħataw bħala għajnuniet, fondi għar-restawr tal-knejjes, djar antiki, ħitan tas-sejjieħ, mid-Direttorat tar-Restawr u jekk minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt liema programm jaqgħu?

03/07/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema għajnuniet / skemi qed jirreferi.

Seduta 146
11/07/2023

**ĠNIEN WARA L-BAŻILIKA TAL-MOSTA – NEFQA**

**10797. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10063, tista' l-Ministru tgħid kemm hu stmat li ġej jiswa x-xogħol li qed isir fil-ġnien ta' wara l-Bażilika tal-Mosta?

03/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li m'għandha l-ebda xogħlijiet għaddejjin bħalissa fiż-żona indikata, Project Green riċentement ħabbret ir-riġenerazzjoni ta' Ġnien Reggie Cilia bħala wieħed mill-proġetti li ġew approvati taħt l-iskema Community Greening Grant.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SPEECH AND LANGUAGE PATHOLOGISTS IMPJEGATI**

**10800. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' speech and language pathologists li ġew impjegati mill-Ministeru, jew xi entità li taqa' taħtu, mill-2013 sal-lum, sena b'sena? Kemm minn dawn l-impjegati fil-fatt irriżenjaw mill-impjieg tagħhom mal-Gvern, sena b'sena?

03/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena msemmija ġew ingaġġati 7 speech and langauge pathologists mal-Ministeru, filwaqt li kien hemm 2 riżenji.

Seduta 146
11/07/2023

**ŻONI FEJN JISTGĦU JGĦUMU L-KLIEB**

**10801. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru hux mistenni li jżid iż-żoni li fihom ikunu jistgħu jgħumu l-klieb f'Malta u f'Għawdex? X'inhi r-raġuni li għaliha s'issa għad m'hemmx żona għal dan il-għan f'San Pawl il-Baħar? Liema siti ġew proposti għal dan l-użu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar? X'kienet ir-raġuni li għaliha dawn is-siti ma ġewx aċċettati?

03/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**SOVRINTENDENT TAL-PATRIMONJU KULTURALI – REMUNERAZZJONI**

**10813. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9508 u 10103 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 393, datata 20 ta' Ġunju 2022, dwar ir-remunerazzjoni mogħtija lis-CEOs fis-settur kulturali, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-"Planning Authority benefits" li qed jirċievi l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament waqt li qed jokkupa l-kariga ta' Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li għandu? Jista' jgħid għaliex l-aktar persuna influwenti fil-protezzjoni tal-patrimonju kulturali f'pajjiżna, qiegħed jingħata benefiċċji mill-Awtorità tal-Ippjanar? Għal kemm jammontaw dawn il-benefiċċji?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS TAL-MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**10816. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

04/07/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra
Seduta 146
11/07/2023

**SOVRINTENDENZA TAS-SAĦĦA – KAŻI TA' SCABIES**

**10827. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10430, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew rapportati mas-Sovrintendenza tas-Saħħa każijiet ta' scabies mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kienu irrapurtati 201 każijiet ta Scabies mas-Sovrintendenza tas-Saħħa fil-perjodu li talab hu.

Seduta 146
11/07/2023

**DĦUL MINN MIŻATI MĦALLSA MINN OPERATURI TAL-AVJAZZJONI**

**10828. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi ċ-ċifri li juru d-dħul minn miżati mħallsa minn operaturi tal-avjazzjoni għas-snin bejn l-2010 u l-2022, taħt is-Civil Aviation (Route Charges for Navigation Services) Regulations?

04/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KONSULENTI**

**10829. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9481, 5153 u 10314 u jgħid kemm għandu konsulenti fil-Ministeru tiegħu, f'liema entitajiet li jaqgħu taħtu, kemm dawn jitħallsu u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom, wara r-ruling li rrakomanda l-Ispeaker??

04/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ara t-tweġiba fuq wara.

Seduta 146
11/07/2023

**EUROPEAN FILM AWARDS COMMITTEE - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10830. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10388 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubblici, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 146
11/07/2023

**FESTIVALS MALTA BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10831. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10389 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubblici, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 146
11/07/2023

**FILM REVIEW BOARD – KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10832. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10390 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 146
11/07/2023

**FONDAZZJONI KREATTIVITÀ BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10833. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10391 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 146
11/07/2023

**KAŻIJIET TA' SUWIĊIDJU**

**10839. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta' suwiċidju matul l-aħħar ħames snin, sena b'sena, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jagħti din l-informazzjoni maqsuma skont is-sess (jekk hux femminili jew maskili), l-età u n-nazzjonalità? Jista' jgħid x'inhu jsir biex jitnaqqsu kemm jista' jkun dawn il-każijiet? Xi pjanijiet għandu l-Gvern biex dawn il-każijiet jonqsu? X'assistenza tingħata lill-familjari ta' dawk li jkunu wettqu suwiċidju?

04/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 10849. Waqt li ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi tingħata wkoll għajnuna lill-familjari ta' dawk li jkunu wettqu suwiċidju wara li jiġu riferuti mit-tabib rispettiv tagħhom. Dawn jingħataw għajnuna primarjament psikoloġika, u anke psikjatrika jekk ikun meħtieg, f'wieħed mill- *Comminity HealthCentres*, fejn minħabba iċ-ċirkustanzi partikulari jingħataw prijorità assoluta.

Seduta 146
11/07/2023

**KAMPANJI EDUKATTIVI GĦALL-PREVENZJONI TA' SUWIĊIDJU**

**10840. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kampanji edukattivi jeżistu għall-prevenzjoni ta' suwiċidju? Jista' jgħid jekk hemmx pjanijiet li jiżdiedu dawn il-kampanji edukattivi? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar dan?

04/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 10851.

Seduta 146
11/07/2023

**XEMXIJA – TIĠIEĠ U SRIEDAQ LI NSTABU MEJTA**

**10841. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk xi dipartiment li jaqa' taħtu wettaqx investigazzjoni dwar ir-raġuni li wasslet biex numru ta' tiġieġ u sriedaq instabu mejta fl-inħawi tax-Xemxija, fiż-żona tal-Ġnien Olimpiku? Kemm kien in-numru ta' tjur li nġabru mejta minn fuq il-post?

04/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146

11/07/2023

**EDUKATURI FIL-LIVELL MEDJU LI SE JKUNU REDUNDANT**

**10888. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur fil-grad ta' għalliem (fil-livell medju) ser ikun qed jiġi redundant mill-iskola (kemm Malta u kemm Għawdex) li kien fiha matul is-sena skolastika li għaddiet (2022/2023)? Jista' jagħti elenku ta' x'suġġetti kienu jgħallmu u jgħid minn liema skola qed ikunu redundant?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**EDUKATURI FIL-LIVELL SEKONDARJU LI SE JKUNU REDUNDANT**

**10889. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur fil-grad ta' għalliem (fil-livell sekondarju) ser ikun qed jiġi redundant mill-iskola (kemm Malta u kemm Għawdex) li kien fiha matul is-sena skolastika li għaddiet (2022/2023)? Jista' jagħti elenku ta' x'suġġetti kienu jgħallmu u jgħid minn liema skola qed ikunu redundant?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**SKEJJEL PRIMARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10890. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10600 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10416, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li bdew l-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Grad** | **Total ta' mpjegati ġodda** |
|---|---|
| Kapijiet | 1 |
| Assisenti Kapijiet | 21 |
| Għalliem/a | 89 |
| LSE | 152 |
| Edukaturi tal-Kindergarten | 29 |

Seduta 146
11/07/2023

**MCCAA – LISTA TA' MEDIĊINI**

**10905. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Fid-dawl li sa ftit taż-żmien ilu l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) kienet toħroġ lista ta' mediċini li l-prezzijiet tagħhom kienu raħsu, u peress li din il-lista issa ilha ma

toħroġ, tista' l-Ministru tgħid jekk dan huwiex minnu u jekk iva, tista' tgħid għaliex lista bħal din m'għadhiex tiġi ppubblikata?

06/07/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fid-dawl tal-qagħda ekonomika dinjija, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur qed taħdem b'sinerġija mal-Awtorità dwar il-Mediċini b'għan ħolistiku biex jinżamm bilanċ bejn l-istabilità fil-prezzijiet u l-aċċessibilità tal-mediċini.

Seduta 146
11/07/2023

**FATF – TRASPARENZA U ŻIEDA BENEFIĊJARJA TAL-KUMPANIJI**

**10906. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7615, peress li l-mistoqsija ma kenitx dwar min għamel id-due diligence iżda dwar min kienu s-sjieda benefiċjarja wara l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, liema kumpanija ngħatat il-konċessjoni tal-isptarijiet, jista' l-Ministru jgħid jekk inbidlux jew le matul il-konċessjoni? Jekk inbidlu, min kienu s-sjieda benefiċjarja l-ġodda?

06/07/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Vitals Global Healthcare llum jisimha Steward Malta Ltd. Fl-2017 l-Malta Business Registry ma kellhiex il-poter legali illi tiġbor l-informazzjoni fuq is-sidien benefiċjari. Madankollu skont il-liġi, din l-informazzjoni hija aċċessibbli għal persuni ġuridiċi kif jiddefinixxi fl-artikolu 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 16.18.

Seduta 146
11/07/2023

**PROGRAMMI FUQ TVM U TVM NEWS - PRODUTTURI TA' PROGRAMMI**

**10907. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3008 issa li għaddew disa' xhur u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' produtturi indipendenti li pproduċew programmi fuq TVM u TVM News għall-iskedi Ottubru 2020-Settembru 2021 u Ottubru 2021-Settembru 2022?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**PROGRAMMI FUQ TVM U TVM NEWS - PRODUTTURI TA' PROGRAMMI**

**10908. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3009 issa li għaddew disa' xhur u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' produtturi indipendenti li se jkunu qed jipproduċu programmi fuq TVM u TVM News għall-iskeda Ottubru 2022-Settembru 2023?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**ASSOĊJAZZJONIJIET SPORTIVI – GĦOTI TA' FONDI**

**10909. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista sħiħa tal-fondi mogħtija lil kull assoċjazzjoni sportiva, maqsuma assoċjazzjoni b'assoċjazzjoni, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba numru 3563, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fondi ġodda mogħtija s'issa matul din is-sena qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 146
11/07/2023

**LOGĦOB TAL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR – GĦOTI TA' FONDI**

**10910. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista sħiħa tal-fondi mogħtija lil kull assoċjazzjoni sportiva, maqsuma skont l-assoċjazzjoni, b'rabta mal-preparamenti għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru f'pajjiżna fl-2023?

06/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba numru 8171.

Seduta 146
11/07/2023

**ĦAL TARXIEN – JOANNA GARDENS – XOGĦLIJIET**

**10924. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin isiru fill-Joanna Gardens, Ħal Tarxien, u meta mistennija jitlestew?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi il-proġett ta' Joanna Gardens huwa ffinanzjat mill-fondi Norveġiżi (EEA Grants) u parti minnu ffinanzjat mil-fond lokali tal-proġetti fil-komunita' ffinanzjati mill-LESA. Qed isir sforz intern sabiex il-proġett kollu jiġi konkluż sal-ewwel ġimgħa ta' Awwissu 2023, bil-kuntratturi kollha notifikati li jekk ma jinżammx il-pjan ta' ħidma ser jibdew jiġu applikati l-multi.

Seduta 146
11/07/2023

**ĦAL TARXIEN – JOANNA GARDENS – XOGĦLIJIET**

**10925. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin isiru fil-Joanna Gardens, Ħal Tarxien, u meta mistennija jitlestew?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 10924.

Seduta 146
11/07/2023

**MULTI MHUX IMĦALLSA**

**10926. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid sal-aħħar ta' Ġunju 2023 kemm kien hemm multi li mhumiex imħallsa billi hemm appelli minnhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati?

06/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob l-Onorevoli Interpellant jispeċifika għal liema multi qed jirreferi peress li jeżistu bosta tipi ta' multi.

Seduta 146
11/07/2023

**QORTI TAL-MAĠISTRATI – APPELLI PENDENTI**

**10928. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-Kummissarju għall-Ġustizzja sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

06/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Ġunju 2023 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien hemm 600 appell pendenti mid-deċiżjonijiet tal-Kummissarju għall-Ġustizzja.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kien hemm 8 appelli pendenti mill-Kummissarju għall-Ġustizzja.

Seduta 146
11/07/2023

**QORTI TAL-MAĠISTRATI – APPELLI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA**

**10929. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati u reġistrati appelli ġodda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-Kummissarju għall-Ġustizzja mill-bidu tas-sena 2023 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

06/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tas-sena 2023 sal-aħħar ta' Ġunju 2023 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġew preżentati 511 appelli ġodda mid-deċizjonijiet tal-Kummissarju għall-Ġustizzja.

Filwaqt li fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ġew preżentati 5 appelli ġodda mill-Kummissarju għall-Ġustizzja, li għad iridu jiġu reġistrati meta jasal l-inkartament min-naħa tat-Tribunal.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XGĦAJRA - TRIQ ALOF WIGNACOURT – BUS SHELTER**

**10930. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10485, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u jara li l-bus shelter li hemm fil-bidu ta' Triq Alof Wignacourt, fix-Xgħajra, tiġi debitament mibdula billi li hemm hija msadda?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Informat li dan il-Bus Shelter huwa wieħed minn dawk li l-kunsill kien talab u qabel mal-FACES sabiex jinbidel. Informat li l-proċess biex dan jiġi eżekwit jinsab skolpit minħabba proċeduri fil-Qrati.

Minn informazzjoni f'idejn il-Kunsill Lokali jidher illi mhux ser ikun hemm dewmien u b'hekk ikun jista jitkompla x-xogħol fuq dawn il-bus shelters inkluż dak ta' Triq it-Torri t'Alof De Wignacourt.

Seduta 146
11/07/2023

**PROJECT GREEN – NEFQA FUQ PR U MARKETING**

**10943. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm intefqu flus minn Project Green fuq PR u marketing mill-bidu ta' Project Green s'issa? Tista' tagħti break down tal-infiq fuq reklamar inġenerali, dak ta' proġetti, attivitajiet u mezzi soċjali?

06/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XWEJNI – STATWA TAŻ-ŻIEMEL**

**10944. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li dan l-aħħar kien spjegat li l-istatwa taż-żiemel fix-Xwejni tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ġiet wara open call, jista' l-Ministru jgħid min kienu l-membri tal-ġurija li ħadu d-deċiżjoni u min kienu l-artisti l-oħrajn li ġew shortlisted?

06/07/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XWEJNI – STATWA TAŻ-ŻIEMEL**

**10945. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li dan l-aħħar kien spjegat li l-istatwa taż-żiemel fix-Xwejni tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ġiet wara open call, jista' l-Ministru jgħid min kienu l-membri tal-ġurija li ħadu d-deċiżjoni u min kienu l-artisti l-oħrajn li ġew shortlisted?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XWEJNI – STATWA TAŻ-ŻIEMEL**

**10946. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li dan l-aħħar kien spjegat li l-istatwa taż-żiemel fix-Xwejni tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ġiet wara open call, tista' l-Ministru tgħid min kienu l-membri tal-ġurija li ħadu d-deċiżjoni u min kienu l-artisti l-oħrajn li ġew shortlisted?

06/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru konċernat.

Seduta 146
11/07/2023

**IX-XWEJNI – STATWA TAŻ-ŻIEMEL**

**10947. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Peress li dan l-aħħar kien spjegat li l-istatwa taż-żiemel fix-Xwejni tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ġiet wara open call, jista' l-Ministru jgħid min kienu l-membri tal-ġurija li ħadu d-deċiżjoni u min kienu l-artisti l-oħrajn li ġew shortlisted?

06/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-bord tal-ġurija kien iffurmat minn Chairperson, segretarja u ħames membri li l-ismijiet tagħhom jidhru hawn taħt:

| **Rwol** | **Isem u Kunjom** |
|---|---|
| Chairperson | Mr Joseph Cutajar |
| Segretarja | Ms Margaret Zammit |
| Membru | Mr John Xuereb |
| Membru | Mr Stephen Cini |
| Membru | Mr George Camilleri |
| Membru | Mr Albert Marshall |
| Membru | Mr Joe Borg |

B'kollox kien hemm erba' artisti li ikkonkorrew f'din is-sejħa pubblika u l-opri tagħhom kollha ġew ikkumissjonati. Dawn kienu:

Artist Mario Agius
Artist Christopher Saliba

Artist Austin Camilleri
Artist Vincent Caruana

Seduta 146
11/07/2023

**MAGNI BIPAP – KUNDIZZJONI TAL-ISLEEP APNEA**

**10953. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux minnu li l-magni BiPAP li jintużaw minn persuni li jbatu bil-kundizzjoni tal-isleep apnea humiex out of stock mill-isptar, u jekk iva kemm ilha din is-sitwazzjoni? Jista' jgħid x'inhi l-alternattiva li qed jiġu offruti pazjenti li jbatu b'din il-kundizzjoni?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa hemm 467 magni BiPAP li huma mikrija għand pazjenti u l-aħħar magna li kienet mikrija kien fl-04-07-2023. Proċess għal *tender* ta' magni ġodda għalaq fl-04/07/2023 u bħalissa qegħdin fi stadju ta' evalwazzjoni u dan peres li d-domanda żdiedet.

Seduta 146
11/07/2023

**TA' BARKAT - AĊĊESS GĦAN-NEW WATER**

**10954. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta hu maħsub li jkun lest il-proġett f'Ta' Barkat imħabbar fis-6 ta' Lulju 2023, li se jżid l-aċċess għan-New Water lill-bdiewa fin-naħa ta' isfel ta' Malta?

06/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett huwa investiment ta' €24.5 miljun mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea, li se jwassal għall-estensjoni fin-netwerk ta' New Water fir-reġjuni tan-Nofsinhar u tal-Lbiċ ta' Malta, kif ukoll żieda fl-ammont. Dan l-investiment multimiljunarju jikkumplimenta l-impenn tal-Gvern biex titnaqqas il-pressjoni mill-użu tal-groundwater. L-użu mill-ġdid tal-ilma huwa parti mill-istrateġija tal-ekonomija ċirkolari fejn ir-riżorsi jerġgħu jintużaw.

Il-proġett huwa maħsub li jitlesta lejn tmiem is-sena 2025 u dan ser jindirizza erba' aspetti ewlenin biex tissaħħaħ l-infrastruttura tan-New Water: (i) it-tkabbir tal-kapaċità tal-Polishing Plant ta' Barkat; (ii) l-applikazzjoni ta' sistema Horizontal Directional Drilling (HDD) biex tforni l-ilma minn Ta' Barkat u Sant' Antnin lejn il-Ġibjuni ta' Bidni, San Anard, u Xgħajra; (iii) l-estensjoni tan-netwerk tal-Lbiċ biex taċċessa żoni li qabel ma kinux moqdija biżżejjed, bħaż-Żurrieq, Ħal Safi, Marsaxlokk, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u l-Gudja; u (iv) l-installazzjoni ta' booster stations u pipework.

Il-proġett huwa riflessjoni ċara tal-impenn tagħna lejn futur sostenibbli għal Malta, u l-investiment tagħna f'ekonomija aktar ekoloġika. L-inizjattiva tan-New Water intlaqgħet b'mod pożittiv ferm mill-bdiewa, u għalhekk irridu nkomplu nibnu fuq is-suċċess tagħha. Huwa stmat li aktar minn 350 bidwi, b'total ta' madwar 223 ettaru addizzjonali ta' art agrikola, se jibbenefikaw minn din l-estensjoni.

Dan il-proġett juri l-impenn tagħna li nieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-bdiewa u nissalvagwardjaw is-settur agrikolu għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Seduta 146
11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2021**

**10963. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2021?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2021 twieldu 4477 trabi u kien hemm 4166 mwiet

Seduta 146
11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2020**

**10964. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2020?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2020 twieldu 4548 trabi u kien hemm 4088 mwiet.

Seduta 146
11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2019**

**10965. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2019?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2019 twieldu 4455 trabi u kien hemm 3688 mwiet.

Seduta 146
11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2018**

**10966. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2018?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2018 twieldu 4516 trabi u kien hemm 3688 imwiet.

Seduta 146

11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2017**

**10967. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2017?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2017 twieldu 4398 trabi u kien hemm 3571 imwiet.

Seduta 146
11/07/2023

**IMWIET U TWELID - 2016**

**10968. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2016?

06/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi matul l-2016 twieldu 4555 trabi u kien hemm 3343 imwiet.

Seduta 146
11/07/2023

**MEDIĊINA MONKASTA**

**10974. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-mediċina Monkasta tinstab out of stock u kemm ilha out of stock?

07/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l- mediċina Monkasta sal bieraħ kienet *in stock*. Il-gimgħa l-oħra saret ordni urġenti peres li żdiedet id-domanda għal din il-mediċina.

Seduta 146
11/07/2023

**RABAT – WIED TA' GĦERIEXEM**

**10978. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'qed isir biex ma jkomplix l-isfreġju fil-Wied ta' Għeriexem, bejn ir-Rabat u l-Imtarfa, fejn intrema terrapien bl-addoċċ u dan għadu preżenti fil-wied?

07/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Jekk l-Onor. Interpellant qed jirreferi għall-istess materjal tal-mistoqsija parlamentari 7149, nitolbu sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat, kif intalab jagħmel dak inhar. Jekk le, nistiednu sabiex jispeċifika s-sit li qed jirreferi għalih.

Seduta 146
11/07/2023

**KAŻIJIET TAL-KANĊER**

**10979. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienu l-każijiet totali tal-kanċer mit-twelid sa 16-il sena u minn 16-il sena 'l fuq għal kull sena matul dawn l-aħħar 15-il sena? Kemm mietu kull sena? Kemm kienet in-nefqa totali għall-kura tal-kanċer kull sena?

07/07/2023
**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**PERSUNI LI MARDU BIL-LEUKEMIA U LYMPHOMA**

**10980. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu n-numru ta' tfal sa 16-il sena u kemm persuni minn 16-il sena 'l fuq, mardu bil-leukemia u lymphoma f'dawn l-aħħar 15-il sena? Kemm minn dawn fiequ kompletament, kemm mietu u kemm għadhom qegħdin jieħdu l-kura?

07/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA - IMPJEGATI**

**10981. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu t-total ta' persuni li jaħdmu mad-Dipartiment tas-Saħħa? Kemm minn dawn huma ta' nazzjonalità barranija?

07/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 9612.

Seduta 146
11/07/2023

**MCAST – STUDENTI LI KKWALIFIKAW**

**10982. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid minn meta twaqqaf l-MCAST kemm ikkwalifikaw studenti sal-aħħar tas-sena 2022, sena b'sena u f'liema professjonijiet?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI LI GGRADWAW**

**10983. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm iggradwaw studenti mill-Università ta' Malta f'dawn l-aħħar 15-il sena, b'sena b'sena u f'liema professjonijiet?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 146
11/07/2023

**SKEJJEL – STUDENTI JISTENNEW SERVIZZ TA' LSE**

**10984. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu u li għadhom qegħdin jistennew LSE?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 146
11/07/2023

**INFIQ TA' FLUS FIL-LOGĦOB**

**10996. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6096 u jgħid kemm intefqu flus fil-gambling matul is-sena li għaddiet?

07/07/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ta' flus minfuqa minn klijenti mhux 'dataset' li jinġabar mill-Awtorità. Minħabba l-fatt li in termini ta' flus milgħuba (wagers), dawn l-istess flus jekk ma jintilfux, jistgħu jiġu milgħuba drabi oħra, u r-rebħ jista' jerġa' jiġi milgħub, ma jagħmilhiex possibbli li wieħed jiddetermina l-ammont eżatt.

Seduta 146
11/07/2023

**KUNSILL LOKALI MARSASKALA - WEBSITE ĠDIDA**

**10997. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9135, jista' l-Ministru jgħid jekk il-website ġdida tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala twettqitx?

07/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li peress li l-Kunsilli Lokali kollha kienu rċevew direttiva min-naħa tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex il-websites ma jibqgħux personalizzati fis-sens li ma jkollhomx domain specifika għal Kunsill Lokali partikolari, il-website tal-Kunsill Lokali issa hi integrata fil-website tal-Kunsilli Lokali kollha.

Seduta 146
11/07/2023

**KUNSILLI LOKALI TA' WIED IL-GĦAJN U TAŻ-ŻEJTUN - QUALITY SERVICE CHARTERS**

**10998. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9134, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsilli Lokali ta' Wied il-Għajn u taż-Żejtun hux beħsiebhom jagħmlu quality service charters?

07/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li peress li din il-legislatura dalwaqt tasal fi tmiemha, allura issa ghandu jkun il-Kunsill Lokali il-ġdid li jiddeċiedi jekk jagħmilx quality service charter jew le. Ninsab informat mill-Kunsill Lokali taz-Zejtun li l-istess Kunsill Lokali taz-Zejtun ser ikun qiegħed jahdem fuqu fix-xhur li ġejjin u aktarx jigi kkonfermat u implimentat fil-leġizlatura li jmiss.

Seduta 146
11/07/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - PUBBLIKAZZJONI TA' MENU TAL-IKEL**

**10999. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jippubblika sample tal-menu tal-ikel li ngħata lir-residenti fis-swali tar-Residenza San Vinċenz de Paul matul Ġunju?

07/07/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 146
11/07/2023

**WIED IL-GĦAJN - LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**

**11000. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta saret il-laqgħa ġenerali annwali s-sena l-oħra u meta se ssir il-laqgħa ġenerali annwali ta' din is-sena f'Wied il-Għajn?

07/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala illi il-laqgha annwali is-sena l-oħra saret f'April 2022 u ta' din is-sena ghad trid issir peress li din ser tkun l-aħħar waħda ta' din il-leġislatura.

Seduta 146
11/07/2023